# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 5 ta' Diċembru 2023**

**Appell numru 433/2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Joseph AQUILINA**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell ta' Joseph AQUILINA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 320075M) minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 ta' Ottubru 2022 fejn ġie mixli talli nhar is-27 ta' Settembru 2020 għall-ħabta ta' 11.20hrs fi Triq Il-Kottonera, Il-Birgu:

(i) Saq, ġiegħel jew ħalla vettura bil-mutur tinstaq mingħajr ma kellha silencer effettiv;
(ii) Mexxa jew ħaddem magna ta' vettura b'mod li tagħmel ħsejjes żejda;
(iii) Naqas milli jipproduċi dokument tal-identita' lill-Pulizija meta kien mitlub li jagħmel hekk;
(iv) Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura eċċeda l-limitu tal-veloċita';

(v) Bħala persuna nġurja, hedded jew għamel offiża fuq persuna ta' wieħed inkarigat skont il-Liġi minn servizz pubbliku ċjoe' lil PS 1226 u PC 475 waqt li kienu qedin jagħmlu jew minħabba li qed jagħmlu dan is-servizz bil-ħsieb li jbeżża' jew jinfluwixxi kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dan is-servizz;

(vi) Bħala persuna, bil-mezz ta' karta miktuba sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tiegħu nnifsu jew b'isem maħluq ukoll fil-każ ta' theddid bil-fomm hedded lil PS 1226 u PC 475 b'xi delitt u flimkien mat-theddida kien hemm ordni jew kondizzjoni.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, filwaqt li ddikjarat l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet bħala preskritti u għaldaqstant illiberat lill-appellant minn kull ħtija f'dan ir-rigward, sabet lill-appellant ħati tal-ħames u s-sitt imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' tmin mitt Ewro (€800).

## Ċ. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant AQUILINA appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-imputat appellant mhux ħati tal-ewwel erba' imputazzjonijiet u illiberatu minnhom u tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet ħtija fir-rigward tal-ħames u tas-sitt imputazzjoni u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena u dan wara li stqarr is-segwenti:

(i) Ne bis in idem: fil-bidu tal-kwistjoni kollha l-esponenti qajjem il-kwistjoni tan-ne bis in idem la l-awtoritajiet iddeċidew li fuq l-istess fatti fl-istess ġranet u fl-istess lok jibgħatuh quddiem it-tribunal lokali u allura kwalunkwe ħaġa konnessa mal-istess ma tistax imbagħad tinġieb indipendentement quddiem il-Qrati Kriminali. Dan l-argument kien ibbażat fuq il-każ Il-Pulizija vs Rosaria Portelli, 1902 u anke fuq każ aktar riċenti kontra Fabio

Zulian tal-Imħallef Scicluna. Hemm il-każ tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem Zolothukin vs. Russia fejn uffċjal ġie akkużat quddiem tribunal intern tal-armata imbagħad riedu jgħadduh kriminal. Il-QEDB qalet li kien hemm ne biss in idem għaliex il-fatti fl-istess ġurnata fl-istess ħin u kollox kienu diġa ġew itratti fi grad ieħor imma xorta ġew trattati. Dan għalhekk kien argument li kellu jiġi aċċettat mill-Qorti għaliex inkellha jkun hemm vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

(ii) Il-Maġistrat sedenti għamel enfasi fuq il-video li ġie esebit għax qal li kien jasal sa ċertu punt u mhux wara. Sa kemm riedu jkompli wara? Sal-eternita? Għaliex f'kull mument seta' jingħad li kien hemm xi biċċa oħra wara li ma ġietx fil-video. Issa jekk dawn iż-żewġ pulizija kien qegħdin jaraw lil Joseph Aquilina juża l-mobile biex jistabbilixxi prova kontra tagħhom, possibbli li ebda wieħed minnhom ma rrekordja lil Aquilina joffendihom? Huma wkoll għandhom bodycam li jistgħu jieħdu r-ritratti biha bħala parti mill-uniformi tagħhom. Minn dan ma sar xejn u ma ġie prodott xejn għaliex l-affidavit bil-miktub isir fl-għassa tal-pulizija, jaħilfuh u lanqas jersqu lejn il-Qorti. Illi għalhekk il-prova miġjuba mill-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma hija konvinċenti u għandha tiġi skartata.

(iii) Meta uffiċjal tal-pulizija jmur oltre minn dak li tippermettilu l-liġi u allura jipprovoka hu stess inċident, ma jistax wara jiġi jwaħwaħ li ma ġietx osservata l-awtorita' tiegħu. Il-video juri ċar u tond illi Joseph Aquilina baqa' ripetutament jistaqsihom taħt liema liġi b'liema dritt kienu waqfuh u ried ikun jaf x'inhuma l-akkużi kontra tiegħu. L-ewwel kawża kostituzzjonali Maltija li kienet ta' Certo, il-Qorti Kostituzzjonali Maltija li kienet għadha fl-infanzja tagħha qalet u ddeċidiet li Certo kellu dritt li jkun infurmat bid-dettallji fil-mument tal-arrest tiegħu. Il-waqfien ta' mutur f'nofs tat-triq u li bniedem jinżamm jikkostitwixxi arrest u wieħed ma jistax jgħid li dan ma jikkostitwixxix arrest. Tant hu hekk li llum f'każijiet bħal dawn il-pulizija tagħti d-dritt jekk wieħed iridx iċempel avukat aħseb u ara kemm ma jgħidulux fuq xiex qiegħed jakkużah u qiegħed iżommu. Dan jerġa' jingħad il-kostituzzjoni Maltija taħt l-Artikolu 39 u llum jikser ukoll il-Konvenzjoni Ewropeja taħt l-Artikolu 6(3) tagħha. Illi l-uffiċjali pubbliku jġib ruħu b'dak il-mod ta' spavalderija mhuwhiex aċċettabbli peress li l-individwu għandu d-dritt li jkun rispettat anke mill-uffiċjal pubbliku.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni. Ir-rwol tagħha huwa li tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta din tkun għamlet apprezzament korrett tal-provi li jkunu inġiebu quddiemha. Dwar l-irwol ta' din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal hekk:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

5. Għalhekk bħala regola[2] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-Liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-Liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[3]

6. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, **<u>anke jekk in bażi tal-istess provi din il-Qorti setgħet tasal għal konklużjonijiet differenti</u>**, din il-Qorti xorta ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, u waslet għal konklużjoni jew waħda mill-konklużjonijiet li hija setgħet legalment u raġonevolment tasal għalihom in bażi għall-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha u allura tkun waslet għal konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienet korretta jew waħda mill-konklużjonijiet korretti li setgħet tasal għalihom, din il-Qorti ma tkunx tista tibdel dik il-konklużjoni sempliċiment għaliex ma tkunx taqbel magħha għax kienet konklużjoni differenti minn dik li din il-Qorti kienet tasal għaliha li kieku kienet qed tiddeċiedi hi l-każ.

7. Apparti minn hekk il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Biex il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tkun tista' tiġi mibdula fl-istadju tal-appell, din il-Qorti trid tkun konvinta li, in bażi għall-provi u l-

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.
[3] U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali.

argumenti legali li tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti ma tkunx setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet in kwantu bħala riżultat ta' dawk il-provi il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tkun dik jew waħda minn dawk li tkun waslet għalihom. Dan allura jfisser li biex din il-Qorti tkun tista' tirrevedi jew tibdel dik il-konklużjoni jkun irid jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun b'xi mod żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha. Huwa frott ta' dan l-iżball li jkun sar mill-Qorti tal-Maġistrati li allura jagħti lok lil din il-Qorti tqis li ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet li jkunu ġew milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. F'dak il-każ allura ma jkunx jista' jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati tkun setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha biex b'hekk, din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali u allura qorti ta' reviżjoni jkollha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

8. Issa l-Liġi tafda primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi u l-ġudizzju dwar jekk l-imputat huwa ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, in kwantu tkun il-Qorti ta' ġurisdizzjoni dwar il-meritu tal-każ partikolari, tkun fl-aħjar qagħda li tqis u tevalwa l-provi kollha għaliex, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Dik il-Qorti hija fdata bl-irwol li tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li bħala regola din il-Qorti – in kwantu hija Qorti ta' reviżjoni – ma jkollhiex l-opportunita li tagħmel.

9. U minn dan joħroġ kemm huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi, apprezzament tax-xiehda u l-eventwali

---

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

deċiżjoni fil-meritu dwar il-ħtija tal-imputat f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. U huwa għalhekk ukoll li dan l-eżerċizzju li jsir minn dik il-Qorti fih responsabilita kbira; u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, b'mod li allura dak l-eżerċizzju ta' analiżi u skrutinju ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq. Kif spjegat iżjed il-fuq jiġi disturbat meta din il-Qorti ta' reviżjoni tara li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx waħda minn dawk li legalment u raġonevolment setgħet tasal għalihom.

10. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn dik il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

11. Biex tagħlaq fuq dan il-punt, din il-Qorti tirreferi għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiż nhar is-7 ta' Marzu 2002 fejn dwar l-irwol aħħari ta' din il-Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni tas-sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati intqal li:

> F'dan l-ezercizzju pero' din il-Qorti ser issegwi l-insenjament ta' din il-Qorti diversament preseduta u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali minn appelli mill-Qorti Kriminali u cioe' li il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhux li terga taghmel gudizzju mill-gdid fuq il-kaz partikolarment ghal dak li jirrigwarda il valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz, imma biss li tillimita ruha li tara jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti hix "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bazi tar-rizultanzi fil-prim'istanza. Mhux bizzejjed li din il-Qorti jista' jkollha opinjoni differenti mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrizulta mill-provi, ghax, jekk l-ewwel Qorti setghet ukoll xorta wahda tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha fuq il provi li kienu quddiemha, mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti li tissostiwixxi tali decizjoni bid-decizjoni taghha.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

12. Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni irriżulta li nhar is-27 ta' Settembru 2020 għall-ħabta tal-11.20hrs, PC 475 u PS 1226 setgħu jinnutaw li ġewwa l-Birgu, fejn il-Bieb tas-Sultan fi Triq Il-Kottonera,

kien tiela’ mutur jinstaq b’veloċita’ qawwija u kien qiegħed jagħmel ukoll ħafna storjbu. Kien għalhekk li l-Pulizija waqqfu lis-sewwieq ta’ dan il-mutur u malli x-xufier niżel minn fuq il-mutur beda battibekk mal-Pulizija. Minn tagħrif illi kisbu l-Pulizija rriżulta li l-mutur kien tal-għamla Yamaha u kellu numru ta’ reġistrazzjoni REM 650. Il-Pulizija talbu lill-appellant sabiex jipprovdi d-dokumenti ta’ identifikazzjoni tiegħu kif ukoll tad-dokumenti ta’ assigurazzjoni minn fejn irriżulta li dik il-persuna li twaqqfet kien jisimha Joseph AQUILINA nonche’ l-appellant.

13. Kien f’dan il-mument illi AQUILINA ħareġ it-telefon ċellulari tiegħu u beda jiġbed filmat lill-Pulizija filwaqt li ripetutament jistaqsihom x’kienet ir-raġuni ‘l għala kienu sejrin jagħtuh taħrika. Sadanittant jidher illi PS 1226 għadda t-taħrika lill-appellant u qallu li kellu kollox bil-miktub fuq it-taħrika. Hekk kif il-Pulizija qasmu t-triq biex ikomplu b’xogħolhom, AQUILINA waqaf jiġbed il-video bit-telefon ċellulari tiegħu u skont ma rraportaw il-Pulizija, huwa beda jindirizzahom b’mod vulgari u saħansitra heddidhom li kien sejjer ikellem lil assistent kummissarju u kien ‘ikellimhom wara’. Minn stħarriġ li sar fuq il-post irriżulta wkoll li l-massimu ta’ veloċita’ ndikat għal dik it-triq fejn kien intlemaħ jinstaq il-mutur mill-appellant kienet ta’ 40km/h.

14. Jirriżulta li l-appellant irċieva taħrika fuq avviż ta’ kontravvenzjoni tal-Pulizija fejn ġie mitlub jidher quddiem it-Tribunal li jinsab fi Triq San Girgor ġewwa ż-Żejtun sabiex iwieġeb għal kontravvenzjoni konsistenti f’sewqan ta’ vettura b’veloċita’ eċċessiva u li ta’ din il-kontravvenzjoni nstab ħati nhar is-17 ta’ Frar 2021 u weħel l-ammenda ta’ tlieta u għoxrin euro disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29). Jirriżulta wkoll li l-appellant irċieva ċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-Pulizija Eżekuttiva ressqitu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali sabiex iwieġeb għal diversi reati lkoll rikonduċibbli għal dak l-inċident datat 27 ta’ Settembru 2020. Sussegwentement, nhar il-11 ta’ Ottobru 2022 ngħatat sentenza fil-konfront tal-appellant mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li minnha l-appellant intavola l-appell in diżamina.

**Analiżi tal-ewwel aggravju tal-appellant fejn huwa eċċepixxa n-*ne bis in idem*.**

15. Illi l-appellant jikkontendi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx issib ħtija fl-appellant fir-rigward tal-ħames u tas-sitt

imputazzjonijiet in kwantu dawn l-imputazzjonijiet kienu strettament marbuta mal-fatti li tagħhom l-appellant kien diġa’ ġie ipproċessat u misjub ħati mit-Tribunal li għandu s-setgħa bil-Liġi li jaqta’ u jiddeċiedi l-kawżi ta’ natura kontravvenzjonali naxxenti minn taħrikiet li joħorġu l-LESA. Din it-taħrika tinsab esebita f’foljo 15 tal-atti proċesswali u s-sentenza li ngħatat tinsab f’paġna 16 tal-istess.

16. Mhux kontestat li l-appellant kien diġa’ msejjaħ sabiex iwieġeb għal diversi kontravvenzjonijiet quddiem it-Tribunal immexxi mill-Kumissarju tal-Ġustizzja b’rabta mal-inċident li seħħ nhar is-27 ta’ Settembru 2020. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkonkludiet li l-prinċipju tan-*ne bis in idem* ma jsibx applikazzjoni għar-rigward tal-imputazzjonijiet numru ħamsa u sitta in kwantu dawn l-imputazzjonijiet huma differenti minn dawk ta’ natura kontravvenzjonali li tagħhom l-appellant kien ipproċessat u ssentenzjat mit-Tribunal. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet ukoll referenza għall-insenjament tal-Professur Mamo f’dan ir-rigward fejn dan jitratta l-kunċett tal-inapplikabilita’ tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* f’kwadru legali fejn il-fatti, għalkemm marbuta mal-istess lok, ħin u ċirkostanzi, ikunu materjalment distingwibbli minn xulxin.

17. Ir-regola tan-*ne bis in idem* hija bħala dritt fondamentali tal-bniedem. Dan il-prinċipju jinsab imħaddan mhux biss fl-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali iżda huwa wkoll dritt imħares mill-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u fl-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.[5] Teżisti pero’ distinzjoni importanti bejn il-prinċipju tan-*ne bis in idem* kif imsemmi fil-Kodiċi Kriminali, dak kif imħares mill-Kostituzzjoni kif ukoll mal-prinċipju enunċjat fl-Artikolu 4 tas-Seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar ‘l-istess **<u>fatt</u>**/idem’ bħala wieħed mill-elementi tan-*ne bis in idem* filwaqt li l-Kostituzzjoni Maltija tirreferi għall-istess **<u>reat</u>**.

18. L-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali jaqra bil-mod segwenti:

> Wara sentenza li f’kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra.

[5] No one shall be liable to be tried or punished again in criminal proceedings for an offence for which he or she has already been finally acquitted or convicted within the Union in accordance with the law.

19. Dan l-artikolu huwa bil-wisq interessanti in kwantu juri r-raffinatezza tal-Liġi penali Maltija fiż-żmien Vittorjan fejn din ir-regola ta' indoli liberali kienet daħlet fil-Liġijiet Maltin madwar mitt sena qabel ma sabet postha fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

20. Mill-banda l-oħra l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jaqra bil-mod segwenti:

> Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reatjew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatjafil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandhatgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:

21. Filwaqt li l-Kodiċi Kriminali jitkellem fuq sentenza li tingħata wara li persuna tiġi misjuba mhux ħatja tar-reat li bih tkun ġiet mixlija, il-Kostituzzjoni ta' Malta titkellem dwar persuna li tkun għaddiet proċeduri quddiem Qorti kompetenti u tkun ġiet jew misjuba ħatja **jew** illiberata minn kull akkuża. Biss, il-ġurisprudenza esplikata f'appelli kriminali bħal **Il-Pulizija vs. Anthony Vella et,**[6] **Il-Pulizija vs. Adrian Cassar Galea,**[7] **Il-Pulizija vs. Noel (Emanuel) Mifsud**[8] estendiet l-applikazzjoni tal-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali wkoll għal sentenzi fejn persuni mixlija jiġu misjuba ħatja.

22. Il-prinċipju tan-*ne bis in idem* jittanta li jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn persuna li tkun għaddiet minn proċess penali, terġa' tiġi sottoposta għall-proċess ieħor dwar l-istess reat jew reati oħra li tagħhom setgħet tinstab ħtija fl-ewwel proċediment li jkun ittieħdet kontra tagħha. Kemm il-ġurisprudenza lokali daqskemm dik konvenzjonali tqis il-prinċipju tan-*ne bis in idem* salvagwardja biex persuna ma tgħaddix proċeduri penali iżjed minn darba għall-istess '*idem*'/'fatt'.[9]

---

[6] 19 ta' Frar 1999, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)
[7] 20 ta' Novembru 2000, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)
[8] 4 ta' Ġunju 2019, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)
[9] Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Stephen Bonnici** deċiż nhar it-22 ta' Settembru 2016 fejn ġie rilevat:

> Izda qabel xejn din il-Qorti tosserva dak li sahhqet il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi:
>
> " the Court reiterates that Article 4 of Protocol No. 7 is not confined to the right not to be punished twice but extends to the right not to be prosecuted or tried twice (see Franz Fischer, cited above, § 29). Were this not the case, it would not have been necessary to add the word "punished" to the word "tried" since this would be mere duplication. Article 4 of Protocol No. 7 applies even where the individual has merely been prosecuted in proceedings that have not resulted in a conviction. The Court reiterates that Article 4 of Protocol No. 7 contains three distinct guarantees and provides that no one shall be (i) liable to be tried, (ii) tried or (iii) punished for the

23. Il-ġurisprudenza teħtieġ l-identiċita' tal-'fatt' ossija l-'*idem'* bħala wieħed mir-rekwiżiti essenzjali sabiex l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* tkun tista' tirnexxi. [10] Espożizzjoni fattwali interessanti tan-

same offence (see Nikitin, cited above, § 36) – **Sergey Zolotukhin vs Russia** (application no.14939/03 10/02/2009).

[10] F'dan ir-rigward, il-Professur Mamo fin-noti tiegħu dwar il-Proċedura Kriminali jgħid hekk:

> But it must be strongly emphasised that for the plea to succeed the fresh proceedings must be placed on the very same fact. (Criminal Appeal: 'Il-Pulizija vs Piscopo' 21 ta' Marzu 1953). The mere circumstance that an act is done more or less at the same time (nello stesso contesto) as another act does not necessarily mean that they constitute one and the same fact, if the two are materially distinguishable as separate events (v. Cr.App. 'Pol vs Saliba 28/2/1953 and Pol vs Cassar 9/1/1954; cf also Cr.App Police vs Attard' 17/6/1950).'
>
> .../...
>
> What is particularly essential is to have a notion of what the law means by the same fact. In "Rex vs. Agata Mifsud et" (15/5/1918) Law Reports, Vol. XXIII, p. 1, p. 1077, H.M.' s Criminal Court said: "Per giudicare se si tratti di fatti identici u diversi, bisogna esaminare se il corpo del delitto rimanga lo stesso, pur cambiandosene la qualificazione, o in altri termini, se la materialita' del fatto rimane inalterata malgrado la diversa qualificazione legale che gli venga attribuita". In other words, if the fact on which the subsequent charge is made is the same as that in respect of which the previous judgment was given, the plea lies notwithstanding that the subsequent charge is an offence different from that charge in the previous trial.

Fl-appell kriminali **Anthony Vella et** intqal:

> Bl-espressjoni l-istess att wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat konsistenti ghalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tieghu.

Inoltre, fis-sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża **Il-Pulizija vs. Nicolai (Nicolai Christian) Magrin** deċiża nhar is-26 ta' Marzu 2009 intqal:

> Illi huwa wkoll stabilit li l-principju tan-ne bis in idem imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m' ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process.
>
> [...]
>
> Illi [...] dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lill-persuna mixlija minn dak moghti mill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwa sew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-ne bis in idem ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali.
>
> [...] Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eccezzjoni tan-ne bis in idem fil-qasam tad-dritt penali taht l-ordinament guridiku taghna, wiehed iqies li jehtieg jintwera li l-persuna li tkun tqieghdet taht akkuza ohra trid tkun l-istess wahda li kienet tqieghdet taht l-ewwel procedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt.
>
> [...] Illi fil-qasam tad-dritt penali jidher li huwa principju accettat li, bi thaddim tar-regola ne bis in idem: "The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act.

Imbagħad, fl-appell kriminali superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Christian Grech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar it-12 ta' Diċembru 2013 il-Qorti stqarret:

> L-Ewwel Eċċezzjoni – Ne bis in idem
>
> Li l-pożizzjoni legali dwar in-ne bis in idem kif toħroġ mill-każistika tal- Qorti tal-Appell Kriminali hija s-segwenti:
>
> **"(a) Meta fatt jivvjola aktar minn provvediment wieħed tal-Liġi**
> "Illi jista' jiġri li l-istess fatt jista' jivvjola aktar minn provvediment wieħed tal-liġi u għalhekk jista' joħloq diversi raġunijiet għall-inkriminazzjoni. X'inhu fatt kien spjegat fil-każ 'Rex versus Rosaria Portelli' fil-każ deċiż fit-23 ta' Frar, 1904 (Vol.XIX.P.IV p1). Il-Qorti kienet qalet hekk:
>
> "'La legge intende il fatto principale in quanto meritevole di pena, o come altri si espresse non intende semplicemente il fatto storico o naturale nei suoi diversi momenti ma il fatto giuridico nel suo complesso.'

*ne bis in idem* ħarġet mill-fatti elaborati fil-kawża **Rex vs. Rosario Portelli,**[11] fejn l-imputata kienet waddbet dixx tal-fuħħar lejn Riccarda Borg li pero' laqgħat ukoll li John Borg. Frott ta' dan l-inċident, Riccarda sofriet offiża ta' natura ħafifa; iżda l-frammenti tal-fuħħar li laqtu lil John Borg ikkawżawlu offiża ta' natura gravi. Il-Qorti hemmhekk iddeċidiet li l-istess 'fatt' ikun jirriżulta meta l-azzjonijiet kollha kellhom tassew x'jaqsmu mal-istess fatt.[12]

---

"Dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dwar il-Proċedura (paġina 45) jgħid hekk: "'In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in 'Rex versus Rosaria Portelli' has now become settled law.'

"Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru, 1939, l-Imħallef Harding fil-każ 'Camilleri versus Cilia' kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, mibni fuq l-istess intenzjoni, jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, m'hemmx pluralita` ta' offiżi iżda offiża waħda bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu minn assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja. Id-difiża għamlet referenza wkoll għall-każ 'Rex versus Agatha Mifsud et' tal-15 ta' Ġunju, 1918 (VolXXIII. Part I p.1077), każ li huwa kkwotat ukoll mill-Professur Mamo f'paġina 44 ta' l-istess Noti ċitati. Il-Qorti kienet qalet hekk:

"'L'eccezione sollevata dagli accusati ed accolta dalla Corte si fonda sul motivo che i fatti esposti nell'odierno atto di accusa per corruzione di minorenni sono quelli stessi che furono addotti in un precedente giudizio per adulterio pel quale furono processati e liberati.' Lejn it-tmiem tas-sentenza l-Qorti ikkwotat b'approvazzjoni dak li qalet il-High Court Ingliża f''Regina versus Miles' u qalet hekk:

"'No doubt it seems a little startling that a conviction for a common assault should afford an answer to a subsequent indictment for that same assault, upon conclusive evidence that it was accompanied by an intent to murder; but reason and good sense point out that, even at the risk of occasional miscarriages of justice when once a criminal charge has been adjudicated upon by a Court having jurisdiction, that adjucation ought to be final….'

[11] Ara wkoll l-appell **Christian Grech.**

[12] Il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża **Franz Fischer vs. Awstrija** qalet:

THE FACTS

"I. THE CIRCUMSTANCES OF THE CASE

"On 6 June 1996, the applicant, whilst driving under the influence of drink, knocked down a cyclist who was fatally injured. After hitting the cyclist, the applicant drove off without stopping to give assistance and only gave himself up to the police later that night.

"On 13 December 1996, the St. Polten District Administrative Authority (Bezirkshauptmannschaft), finding the applicant guilty of a number of road traffic offences, ordered him to pay a fine of 22,010 Austrian schillings (ATS) with twenty days' imprisonment in default. This sentence included a fine of ATS 9,000 with nine days' imprisonment in default imposed for driving under the influence of drink, contrary to sections 5 (1) and 99 (1)(a) of the Road Traffic Act 1960 (Strasenverkehrsordnung).

"On 18 March 1997 the St. Polten Regional Court (Landesgericht) convicted the applicant under Article 81 § 2 of the Criminal Code (Strafgesetzbuch) of causing death by negligence lafter allowing himself ... to become intoxicated ... through the consumption of alcohol, but not to an extent which exclude[d] his responsibility ...', and sentenced him to six months' imprisonment.

"Omissis

"ALLEGED VIOLATION OF ARTICLE 4 OF PROTOCOL NO. 7 TO THE CONVENTION

"The applicant alleged a violation of Article 4 of Protocol No. 7 which, so far as relevant provides as follows:

"'1. No one shall be liable to be tried or punished again in criminal proceedings under the jurisdiction of the same State for an offence for which he has already been finally acquitted or convicted in accordance with the law and penal procedure of that State.'

"The applicant contended that he was punished twice for driving under the influence of drink, first by the District Administrative Authority under sections 5(1) and 99(1)(a) of the Road Traffic Act and, secondly, by the Regional Court, which found that the special circumstance of section 81 § 2 of the Criminal Code applied. In the applicant's view, the conviction by the criminal courts in its entirety, or at least the fact that the conviction was not limited to

Article 80 of the Criminal Code, but also extended to Article 81 § 2, infringed Article 4 of Protocol No. 7. The applicant maintained that the present case was not comparable to the Oliveira v. Switzerland case (judgment of 30 July 1998, Reports of Judgments and Decisions 1998- V) as in that case the criminal courts had quashed the fine imposed by the police magistrate and stated that, if the fine had already been paid, it was to be deducted from the second fine. However, in his case two sentences were actually imposed.

“Omissis

“The Court recalls that the aim of Article 4 of Protocol No. 7 is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision (see the Gradinger judgment cited above, p. 65, § 53). “As the Government pointed out, the Court’s approach in the Gradinger and Oliveira judgments in order to determine whether the respective applicants were tried or punished again ‘for an offence for which [they had] already been finally acquitted or convicted’ appears somewhat contradictory. The Court recalls that in each case two sets of proceedings arose out of one traffic accident. In the Gradinger case, the applicant was first convicted by the criminal courts for causing death by negligence, but acquitted of the special element under Article 81 § 2 of ‘allowing himself to become intoxicated’, where there was an irrebuttable presumption of intoxication with a blood alcohol level of 0.8 grams per litre. He was then convicted by the administrative authorities of driving ‘a vehicle under the influence of drink’ contrary to sections 5 (1) and 99 (1)(a) of the Road Traffic Act, where the influence of drink is deemed present with a blood alcohol level of 0.8 grams per litre.

“In the Oliveira case, the applicant was first convicted by the police magistrate for failing to control her vehicle as she had not adapted her speed to the road conditions. Subsequently, she was convicted by the criminal courts of causing physical injury by negligence.

“In the Gradinger case the Court, while emphasising that the offences at issue differed in nature and aim, found a violation of Article 4 of Protocol No. 7 as both decisions were based on the same conduct (ibid., §§ 54-55). In the Oliveira case it found no violation of this provision, considering that it presented a typical example of a single act constituting various offences (concours ideal d’infractions) which did not infringe Article 4 of Protocol No. 7, since that provision only prohibited people being tried twice for the same offence (see the Oliveira judgment, previously cited, p. 1998, § 26).

“The Court observes that the wording of Article 4 of Protocol No. 7 does not refer to ‘the same offence’ but rather to trial and punishment ‘again’ for an offence for which the applicant has already been finally acquitted or convicted. Thus, while it is true that the mere fact that a single act constitutes more than one offence is not contrary to this Article, the Court must not limit itself to finding that an applicant was, on the basis of one act, tried or punished for nominally different offences. The Court, like the Austrian Constitutional Court, notes that there are cases where one act, at first sight, appears to constitute more than one offence, whereas a closer examination shows that only one offence should be prosecuted because it encompasses all the wrongs contained in the others (see paragraph 14 above). An obvious example would be an act which constitutes two offences, one of which contains precisely the same elements as the other plus an additional one. There may be other cases where the offences only slightly overlap. Thus, where different offences based on one act are prosecuted consecutively, one after the final decision of the other, the Court has to examine whether or not such offences have the same essential elements.

“This view is supported by the decision in the case of Ponsetti and Chesnel v. France (nos. 36855/97 and 41731/98 ECHR 1999-VI, [14.9.99]), relating to separate convictions for two tax offences arising out of the failure to submit a tax declaration, where the respondent Government also argued that this was an example of one act constituting more than one offence. Nevertheless, the Court examined whether the offences in question differed in their essential elements.

“It can also be argued that this is what distinguishes the Gradinger case from the Oliveira case. In the Gradinger case the essential elements of the administrative offence of drunken driving did not differ from those constituting the special circumstances of Article 81 § 2 of the Criminal Code, namely driving a vehicle while having a blood alcohol level of 0.8 grams per litre or more. However, there was no such obvious overlap of the essential elements of the offences at issue in the Oliveira case. “In the present case, the applicant was first convicted by the administrative authority for drunken driving under sections 5(1) and 99(1)(a) of the Road Traffic Act. In subsequent criminal proceedings he was convicted of causing death by negligence with the special element under Article 81 § 2 of the Criminal Code of ‘allowing himself to become intoxicated’. The Court notes that there are two differences between the Gradinger case and the present: the proceedings were conducted in reverse order and there was no inconsistency between the factual assessment of the administrative authority and the criminal courts, as both found that the applicant had a blood alcohol level above 0.8 grams per litre.

“However, the Court considers that these differences are not decisive. As said above, the question whether or not the non bis in idem principle is violated concerns the relationship between the two offences at issue and can, therefore, not depend on the order in which the respective proceedings are conducted. As regards the fact that Mr Gradinger was acquitted of the special element under Article 81 § 2 of the Criminal Code but convicted of drunken driving, whereas the present applicant was convicted of both offences, the Court repeats that Article 4 of Protocol No. 7 is not confined to the right not to be punished twice but extends to the right not to be tried twice. What is decisive in the present case is that, on the basis of one act, the applicant was tried and punished twice, since the administrative offence of drunken driving under sections 5(1) and 99(1)(a) of the Road Traffic Act, and the special circumstances under Article 81 § 2 of the Criminal Code, as interpreted by the courts, do not differ in their essential elements.

“The Court is not convinced by the Government’s argument that the case was resolved due to the reduction of the applicant’s prison term by one month, being equivalent to the fine paid in the administrative proceedings. The reduction of the prison term by virtue of the Federal President’s prerogative of pardons cannot alter the above finding that the applicant was tried twice for essentially the same offence, and the fact that both his convictions stand.

“The Court therefore rejects the Government’s preliminary objection based on the same argument.

“Finally, the Court observes that, in a case like the present, the Contracting State remains free to regulate which of the two offences shall be prosecuted. It further notes that the legal situation in Austria has changed following the Constitutional Court’s judgment of 5 December 1996, so that nowadays the administrative offence of drunken driving under sections 5(1) and 99(1)(a) of the Road Traffic Act will not be pursued if the facts also reveal the special elements of the offence under Article 81 § 2 of the Criminal Code.

“However, at the material time, the applicant was tried and punished for both offences containing the same essential elements.

“There has, thus, been a violation of Article 4 of Protocol No. 7.’

“U fil-European Court of Justice
“Din hija l-Opinjoni ta’ Kokott fil-każ ta’ Toshiba (C17/10) 14 ta’ Frar 2012.
“Il-Qorti għandha tuża l-istess kriterju – ikun xi jkun il-każ quddiemha u mhux tuża kriterja differenti skont il-kontenut. U dejjem għandu jintgħarbel jekk kienx hemm l-istess fatt jew fatti. U hawn hija l-parti l-aktar importanti l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali.

“‘117. To interpret and apply the ne bis in idem principle so differently depending on the area of law concerned is detrimental to the unity of the EU legal order. The crucial importance of the ne bis in idem principle as a founding principle of EU law which enjoys the status of a fundamental right means that its content must not be substantially different depending on which area of law is concerned. (127) For the purposes of determining the scope of the guarantee provided by the ne bis in idem principle, as now codified in Article 50 of the Charter of Fundamental Rights, the same criteria should apply in all areas of EU law. This point has rightly been made by the EFTA Surveillance Authority.

“118. There is no objective reason why the conditions to which the ne bis in idem principle is subject in competition matters should be any different from those applicable to it elsewhere. For, in the same way as, within the context of Article 54 of the CISA, that principle serves to guarantee the free movement of EU citizens in EU territory as a ‘single area of freedom, security and justice’, (128) so, in the field of competition law, it helps to improve and facilitate the business activities of undertakings in the internal market and, ultimately, to create uniform conditions of competition (a ‘level playing field’) throughout the EEA.

“119. For the purposes of identifying the relevant criteria for defining idem, it must be borne in mind that the ne bis in idem principle is based largely on a fundamental right enshrined in the ECHR, (129) more specifically, Article 4(1) of Protocol No 7 to the ECHR, although that protocol has not yet been ratified by all the EU Member States. (130) That close proximity to the ECHR is indicated not only by the Explanations on Article 50 of the Charter of Fundamental Rights, which must be duly taken into account by the courts of the European Union and of the Member States, (131) but also by the previous case-law of the Court of Justice concerning the general EU-law principle of ne bis in idem. (132)

“120. The requirement of homogeneity (133) is therefore applicable. It follows from that requirement that rights contained in the Charter which correspond to rights guaranteed by the ECHR are to have the same meaning and scope as those laid down by the ECHR. In other words, Article 4(1) of Protocol No 7 to the ECHR, as interpreted by the European Court of Human Rights (ECtHR), describes the minimum standard that must be guaranteed in the interpretation and application of the ne bis in idem principle in EU law.

“121. Whereas the case-law of the ECtHR on the meaning of idem had lacked uniformity for a long time, the ECtHR held, in a landmark judgment in 2009, that Article 4 of Protocol No 7 to the ECHR prohibits the prosecution or trial of a second offence in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same. (134) This means that the ECtHR has regard only to whether or not the facts are identical and expressly not to the legal classification of the offence. (135) Moreover, in so doing, it is itself guided primarily by the case-law of the Court of Justice on the area of freedom, security and justice. (136) In addition, the form of words used by the ECtHR to define the meaning of identical facts is very similar to that employed by the Court of Justice. There is nothing to indicate that the ECtHR might be inclined to the view that the scope of the guarantee provided by the ne bis in idem principle is less extensive specifically in the area of competition law. (137) On the contrary, while the judgment of the Court of Justice in Aalborg Portland, which establishes the criterion of unity of the legal interest protected, is cited by the ECtHR, it does not rely on it as a basis for its interpretation of the ne bis in idem principle. (138)

“122. It follows that, for the purposes of interpreting and applying idem in the context of the prohibition against prosecution and punishment for the same cause of action under EU law also, account should henceforth be taken only of the identity of the facts (which necessarily includes the unity of the offender).’

24. Minbarra hekk, biex l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* tiġi invokata b'suċċess, l-ewwel proċess li minnu tkun emanat is-sentenza tal-Qorti kompetenti irid ukoll sar b'rabta **ma' offiża/reat ta' natura kriminali**. B'hekk deċiżjonijiet ta' natura li ma għandhomx implikazzjonijiet ta' natura kriminali, bħal deċiżjonijiet amministrattivi jew deċiżjonijiet ta' bordijiet li ma jkollhomx setgħa li jimponu sanzjonijiet ta' natura kriminali, ma jistgħux jitqiesu li huma deċiżjonijiet li jistgħu jwasslu għall-applikazzjoni tan-*ne bis in idem*. F'dan ir-rigward, fost oħrajn issir referenza għas-sentenzi **Bonnici** u **Il-Pulizija vs. Francis Camilleri.**[13]

---

L-istess Qorti komposta bħala *Grand Chamber*, fil-kawża **Sergey Zolotukhin vs. Russja** dwar it-terminu 'fatti' qalet:

> "takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture, the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of charges leveled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence for which he or she stands accused. In the Court's view, such statements of fact are an important starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings.

Estratt meħud mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonnici** kif iċċitata aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

[13] Deċiża mill-Imħallef Emeritus Lawrence Quintano nhar is-17 ta' Ottubru 2008 sedenti fil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Din l-interpretazzjoni tirriżulta li ġiet abbraċċata superjorment mill-Qorti tal-Appell Kriminali kolleġjalment komposta fl-appell **Christian Grech** fejn kienet saret riferenza għal każistika tal-QEDB:

> **Ponsetti and Chesnel versus France** – Deċiżjoni ta' l-14 ta' Settembru 1999 fejn rikors li kien jallega ksur tal-prinċipju tan-ne bis in idem għaliex kien hemm sanzjonijiet amministrattivi kif ukoll kriminali minħabba li r-rikorrent ma kienx mela d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa kien dikjarat mhux ammissibbli.
>
> **Isaksen versus Norway** – fejn kien hemm kundanna minħabba frodi tat-taxxa kif ukoll impożizzjoni tat-tax surcharge kien dikjarat mhux ammissibbli. (Deċiżjoni tat-2 t'Ottubru 2003)
>
> **Nilsson versus Sweden** – Deċiżjoni tat-13 ta' Diċembru 2005 fejn instab li kien hemm konnessjoni qawwija bejn il-kundanna tar-rikorrent minħabba offiżi tat-traffiku u s-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal tmintax-il xahar u għalhekk ir-rikors kien dikjarat mhux ammissibbli.
>
> **Storbraten versus Norway** (12277/04) u Mjelde versus Norway (11143/04) fejn kien hemm kundanna kriminali għall-offiżi dwar falliment wara li kienu nħarġu ordinijiet li bihom ir-rikorrenti kienu skwalifikati milli jifformaw il-kumpaniji jew li jkunu diretturi u għalhekk ir-rikorrenti allegaw ksur ta' dan il-prinċipju. Dan il-każ kien ukoll dikjarat inammissibbli.

25. Il-ġurisprudenza identifikat ir-rekwiżiti bażiċi li jridu neċessarjment jirriżultaw sabiex id-difiża tan-*ne bis in idem* tiġi eċċepita b'suċċess:

i) it-teħid ta' proċeduri jew l-għoti ta' piena mill-ġdid f'proċeduri oħra ġodda fuq l-istess fatt;

ii) l-ewwel proċedura u t-tieni proċedura jkunu ta' natura kriminali u li jistgħu iwasslu għal imposizzjoni ta' sanzjoni penali;

iii) il-proċeduri penali jkunu jirrigwardaw reat li dwaru tkun diġa' ngħatat deċiżjoni finali;

iv) fl-istess ġurisdizzjoni u

v) skont il-liġi u l-proċedura ta' dak il-pajjiż.[14]

26. F'dan il-każ jirriżulta mis-sentenza eżebita f'paġna 16 tal-atti proċesswali li r-reat li tiegħu l-appellant instab ħati mit-Tribunal Lokali kien dak ta' sewqan ta' vettura b'veloċita' eċċessiva. Dan ir-reat imbagħad jinstab replikat fir-raba' imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant fil-kawża in diżamina. Għalhekk, għal dak illi jirrigwarda l-imputazzjoni numru erbgħa, l-appellant kien ikollu raġun illi jilmenta kif kien hemm deċiżjoni preċedenti li għaddiet in ġudikat fuq l-istess fatt, mogħtija minn Qorti kompetenti u li tagħha ngħata piena.

27. Iżda, il-kwistjoni hija iżjed komplessa minn hekk. L-appellant issoleva l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* fir-rigward tad-deċiżjoni ta' sejbien ta' ħtija tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għal ħames u għas-sitt imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Issa dawn l-imputazzjonijiet verament jirreferu wkoll għal inċident li seħħ fis-27 ta' Settembru 2020 u li konsegwenza tiegħu inbdiet il-proċedura kontravvenzjonali quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja li tagħha l-appellant ġie misjub ħati kif ukoll il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

28. B'hekk jista' jingħad li l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant jitnisslu mill-istess inċident. Iżda dak l-inċident ma kienx wieħed sempliċi iżda kien wieħed kompless. L-inċident kien kompost minn sensiela ta' episodji fattwali li għalkemm seħħew fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, fl-istess waqt dawn l-episodji taw lok għall-azzjoni penali in bażi għal fatti li kienu ġuridikament distinti minn xulxin u mnissla minn episodji fattwali differenti.

29. L-ewwel erba' imputazzjonijiet huma marbuta mal-mod u mal-manjiera li biha l-appellant kien qiegħed jopera l-vettura minnu

[14] **Il-Pulizija vs. John Micallef** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-28 ta' Frar 2007.

misjuqa.  Dawn huma reati ta' natura kontravvenzjonali li jitnisslu mill-fatt tas-sewqan tal-appellant.

30. Mill-banda l-oħra, ir-reat imputat fil-ħames imputazzjoni huwa dak ravviżat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li s-sitt imputazzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 249 tal-imsemmi Kodiċi.

31. Ir-reati kontestati lill-appellant verament li seħħew f'kuntest spazjo temporali komuni, iżda ġuridikament u materjalment kienu distingwibbli minn xulxin.

32. Skont ma jirriżulta mill-affidavits ta' PS 1226 u PC 475 l-appellant l-ewwel twaqqaf minnhom minħabba sewqan eċċessiv. Allura dak il-kuntest kien jikkomprendi fih il-fatt ġuridiku li l-appellant, allegatament, ma kienx qiegħed isuq il-vettura bil-mutur tiegħu skont il-Liġi.

33. Sussegwentement, u allura **wara** li kien seħħ l-allegat episodju tas-sewqan tal-vettura bil-mutur mhux skont il-Liġi u konsegwentement ġie mwaqqaf mill-Pulizija, dawn ħarkuh u għaddewlu it-taħrika.  Kien **wara** li huwa ingħata d-dokument tat-taħrika li skatta l-episodju fejn skont il-Prosekuzzjoni l-appellant allegatament ġab b'ruħu b'mod li allura kiser id-disposizzjonijiet tal-artikoli 95 u 249 tal-Kodiċi Kriminali.

34. Il-fatt tas-sewqan mhux b'mod rispettuż mal-Liġi huwa fatt ġuridikament differenti u materjalment distint mill-imġieba suċċessiva tal-appellant manifestata fi kliem u għamil li waslu għall-imputazzjonijiet numru ħamsa u sitta.  Għalkemm verament li dawn iż-żewġt episodji seħħew fl-istess kuntest ċirkostanzjali ta' spazju u żmien bid-dekors ta' biss ftit minuti ħin bejn wieħed u l-ieħor, il-proċeduri għal dak li jirrigwarda l-ħames u s-sitt imputazzjonijiet ma jistgħux jitqiesu li kienu bażati fuq l-istess fatti ġuridiċi li taw lok għall-ewwel erba' imputazzjonijiet.

35. Il-Professur Mamo kien stqarr li:

> The mere circumstance that an act is done more or less at the same time (nello stesso contesto) as another act does not necessarily mean that they constitute one and the same fact, if the two are materially distinguishable as

separate events (v. Cr.App. 'Pol vs Saliba 28/2/1953 and Pol vs Cassar 9/1/1954; cf also Cr.App Police vs Attard' 17/6/1950).[15]

36. U allura lanqas ma jsib applikazzjoni dak li stqarr l-Imħallef Harding meta tkellem fuq pluralita' ta' offiżi bl-offiża l-iktar gravi tassorbi l-vjolazzjoni l-minuri u dan in kwantu min-natura tar-reati stess, daqskemm miċ-ċirkostanzi li jsawruhom, ma tistax tirriżulta l-figura tar-reat uniku f'dan il-każ jew inkella l-figura tal-mezz għall-fini jew tar-reat kompriż jew involut.

37. Lanqas ma jista jingħad li setgħa kien hemm il-komunanza tal-istess intenzjoni bejn l-ewwel erba' imputazzjonijiet u dawk miġjuba fil-ħames u fis-sitt imputazzjoni in kwantu anke hawn il-ġeneru, natura, essenza u klassifikazzjoni tar-reati huma differenti. L-elementi psikiku fil-kontravvenzjonijiet mhux ekwiparabbli mal-*mens rea* fil-każ ta' delitti. Għaldaqstant lanqas jista' jsib applikazzjoni l-insenjament tramandat **f'Camilleri vs. Cilia** u **Rex vs. Agatha Mifsud et.**[16]

38. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment tiċħad l-eċċezzjoni ssolevata mid-difiża tan-*ne bis in idem* fir-rigward tal-ħames u s-sitt imputazzjonijiet.

**Analiżi tal-ħames u s-sitt imputazzjonijiet mertu tat-tieni u tat-tielet aggravji tal-appellant.**

39. Illi l-filmat eżebit juri ftit minuti fejn l-appellant jidher li qiegħed jistaqsi b'mod insistenti lil PS 1226 x'kienet ir-raġuni għalfejn huwa twaqqaf mill-Pulizija. Dan il-filmat imbagħad jieqaf wara l-mument illi PS1226 deher jagħti t-taħrika lill-appellant u jaqsam it-triq biex jitlaq minn fuq il-post. U huwa proprju dan il-mument li PS1226, PC475 u PC1170 stqarrew permezz tal-affidavits rispettivi tagħhom li l-appellant beda jheddidhom u juża' kliem vulgari fil-konfront tagħhom.

40. Il-Qorti ma setgħet tara xejn irregolari mill-mod ta' kif il-Pulizija żvolġew xogħolhom u ġabu ruħhom dakinhar tas-27 ta' Settembru 2020. Saħansitra mill-filmat jidher li PS1226 qiegħed jinsisti mal-

---

[15] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Christian Grech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar it-12 ta' Diċembru 2013.

[16] Ara l-parti tas-sentenza fuq il-kunsiderazzjonijiet tad-dritt.

appellant li huwa kien infurmawh diġà bir-raġuni għaliex huwa kien ġie mwaqqaf. L-appellant kompla jinsisti li jrid spjegazzjoni għaliex kien ġie mwaqqaf billi jgħid li ma kienx qiegħed jisma' dak li kien qallu PS1226 minħabba li kien bil-ħelmit u bil-mutur mixgħul. PS1226 insista miegħu li huwa kien diġà qallu r-raġunijiet għaliex ġie mwaqqaf tant li l-appellant kien wieġbu lura.

41. Preċiżament f'0.22 sekondi tal-filmat, l-appellant jinstema' jinsisti ma' PS1226 jekk kienx qiegħed iwaqqfu fuq "'ħoss', fuq 'speed' fuq xiex se twaqqafni".

42. Issa din l-istqarrija hija wisq interessanti għaliex minn tant affarijiet li l-Pulizija setgħet twaqqaf bniedem li kien qiegħed isuq mutur, l-appellant stess għażel li jidentifika żewġ raġunijiet li kumbinazzjoni irriżulta li kienu jiffurmaw il-bażi tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant fil-proċeduri in diżamina.

43. Għal din il-Qorti din hija indikazzjoni ċara li l-appellant kien jaf sewwasew għalfejn kien qiegħed jiġi mwaqqaf. Huwa għażel li jippreżenta l-filmat bħala prova favur tiegħu; iżda dan il-filmat, u grazzi għall-kliem mistqarr mill-appellant stess, spiċċa biex jagħti iżjed kredibbilta lil PS1226 meta fil-filmat stess ftit sekondi qabel, jinstema' jgħid lill-appellant li kien diġa' qallu r-raġuni għaliex kien twaqqaf u li l-appellant **kien wieġbu**. Li kieku ma kienx hekk għaliex l-appellant stess identifika dawk iż-żewġ raġunijiet biss meta mbagħad irriżulta li ġie mħarrek ukoll fuqhom? Sinjal li fil-verita kien jaf għalxiex PS1226 kien waqfu u li allura verament PS1226 kien qallu x'kienet dik ir-raġuni u fil-fatt l-appellant kien semgħu.

44. L-appellant jilmenta mill-fatt li l-Pulizija ma resqux lejn il-Qorti biex jagħtu x-xhieda tagħhom viva voce u li huma sempliċement iddeponew permezz ta' prova dokumentarja. Din il-prova dokumentarja hija rikonoxxuta fl-Artikolu 360A(2) tal-Kodiċi Kriminali bħala li tista' titqies prova sħiħa u kompluta kemm -il darba tiġi magħmula skont ir-rekwiżiti msemmija fl-artikolu 360A(1) tal-istess Kodiċi. Il-kontenut ta' dik il-prova dokumentarja f'dawk il-proċeduri jitqies li huwa validu bl-istess mod daqslikieku dik ix-xhieda tkun ingħatat viva voce fil-preżenza tal-akkużat. Naturalment dan ma jfissirx li dik il-prova trid titwemmen bilfors. Jekk il-kontenut ta' dak miktub fil-prova dokumentarja jitwemminx jew le hija kwistjoni li l-ġudikant tal-fatt irid jagħrbel u jikkonsidra skont ir-regoli tal-evidenza u l-istħarriġ tal-evidenza previsti fil-Kodiċi Kriminali u elaborati fil-ġurisprudenza.

45. Mill-atti proċesswali ma jirriżultax li l-appellant wettaq id-dritt tiegħu ta’ kontro-eżami ta’ PS1226, PC475 jew PC1170 permezz tal-mekkaniżmu imsemmi fl-Artikolu 360A(1) tal-Kodiċi Kriminali. B’daqshekk però ma jfissirx li dik il-prova mhix tajba skont il-Liġi.

46. Il-filmat eżebit waqaf malli l-Pulizija dehru jaqsmu t-triq għal-fejn kien hemm il-muturi tagħhom parkeġġati. Kien f’dak il-mument li l-Pulizija jixhdu li l-appellant beda jinġurjahom u jheddidhom minħabba f’li kienu għaddewlu taħrika ta’ kontravvenzjoni.

47. Huwa minnu li fil-filmat l-appellant jinstema’ jinsisti b’mod sod mal-PS1226 biex dan jgħidlu r-raġuni għaliex kien waqfu. Għalkemm it-ton tal-vuċi tiegħu kien jinstema’ kemxejn imqanqal, s’hemmhekk it-talbiet tiegħu kienu magħmula mingħajr kliem inġurjuż jew minaċċjanti. Iżda dak li seħħ wara li ingħata d-dokument tat-taħrika ma ġiex riprodott fil-filmat.

48. Kif qal l-appellant, il-Pulizija ma preżentawx evidenza video-reġistrata. Iżda din il-Qorti jirriżultalha li s-sistema ta’ *bodycams* ġiet introdotta għall-Aġenti tal-Pulizija u bdiet taħdem biss madwar tminn xhur wara li seħħ dan il-każ. L-introduzzjoni ta’ dawn il-*bodycams* għal dawk il-Pulizija li jkunu qegħdin jagħmlu r-rondi hija importanti biex f’każijiet bħal dan, ikun hemm evidenza ċara ta’ dak li jkun seħħ mingħajr il-ħtieġa li l-Qorti tistrieħ fuq rakkonti ta’ l-akkadut minn fomm ix-xhieda li tkun qegħda tistrieħ fuq il-memorja tagħha wara trapass taż-żmien. Ir-reġistrazzjoni video ta’ inċident tiswa’ bħala prova tajba tal-istess inċident li jkun ġie reġistrat daqslikieku min ikun qiegħed jiġġudika l-fatti jkun qiegħed hu stess fil-post fejn ikun seħħ l-inċident - dment li l-awtentiċita u ġenwinità ta’ dak id-dokument reġistrat tiġi konfermata. Video-reġistrazzjoni titqies evidenza reali, prova ammissibbli, u tista’ tkun rilevanti in kwantu tista’ tikkostitwixxi l-aħjar prova tal-fatt li jkun seħħ u maqbud b’mod li jidher anke wara li l-fatt ikun seħħ. L-episodju fattwali jiġi kristallizzat u jkun jista’ jintwera’ anke wara ħafna żmien u ma jitlef xejn mill-effikaċja u r-rilevanza tiegħu.

49. Iżda f’dan il-każ, dik il-prova ma nġabitx għax ma setgħetx tinġieb mill-Prosekuzzjoni in kwantu dak iż-żmien ma kienetx teżisti. Jekk l-appellant kompliex jiġbed il-filmat tiegħu jew le baqa’ misteru. Żgur li l-filmat li eżebixxa fl-atti ma jġibx ukoll l-episodju li seħħ <u>**wara**</u> li huwa ġie mogħti t-taħrika miktuba minn PS1226. B’hekk il-Qorti

tal-Maġistrati kellha bilfors tistrieħ fuq dak li l-Aġenti tal-Pulizija irrakkontawlha fl-affidavit tagħhom.

50. In bażi għal dak l-affidavit, u meta l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tqis il-provi l-oħra imsemmija iżjed il-fuq, inkluż l-imġieba tal-appellant mal-Pulizija u viċe versa, dik il-Qorti xorta waħda setgħet temmen bis-sħiħ dak li xehdu l-Aġenti tal-Pulizija li

(i) l-appellant kien ġie infurmat bir-raġuni għaliex twaqqaf; u
(ii) meta ma baqax jiġbed il-filmat, beda jgħajjat, jhedded u joffendi lill-Pulizija minħabba l-funzjoni tagħhom, waqt il-qadi tas-servizz tagħhom jew minħabba f'hekk, jew bil-ħsieb li jbeżżgħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

51. Kif ingħad iktar 'il fuq, din il-Qorti ma rat xejn irregolari fil-mod kif il-Pulizija żvolġew xogħolhom f'dan il-każ. Anzi huma baqgħu kalmi minkejja li l-appellant baqa' jinsisti ma PS1226, inkluż bl-użu ta' ton ta' bniedem urtat fil-konfront tagħhom. Il-linja bejn li bniedem jirreklama dritt għal li jibda juża tattika minaċċjuża tista' tkun waħda sottili ħafna. It-talba ta' persuna mwaqqfa mill-Pulizija biex tkun taf ir-raġuni għaliex tkun ġiet imwaqqfa hija talba leġittima. It-talba ta' dik il-persuna li tkun taf in-numru tal-Aġent tal-Pulizija li jkun qiegħed jieħu dik il-miżura fil-konfront tagħha hija wkoll leġittima ġaladarba l-Pulizija qiegħed għas-servizz tal-pubbliku. Iżda dawn it-talbiet iridu jitqiesu wkoll fil-kuntest li jkunu qegħdin isiru fihom, inkluż u mhux l-anqas dwar il-mod kif ikunu qegħdin isiru, kemm il-darba jsiru u l-kuntest li jkunu qegħdin isiru fih.

52. F'dan il-każ huwa evidenti mill-filmat li l-appellant ma staqsihx darba, iżda kien insistenti u persistenti fit-talba tiegħu lil PS1226 biex jgħidlu r-raġuni għaliex kien ġie mwaqqaf. It-talba tiegħu ma kienetx qegħda ssir b'ton kalm u pakat, iżda huwa evidenti li l-appellant kien urtat fil-mument li kien qiegħed jagħmel dik it-talba. Dan jirriżulta mit-ton użat minnu u l-imiġieba insistenti tiegħu. Anke l-fatt li huwa jgħid li kien qiegħed jirreġistra dawk it-talbiet b'video-reġistrazzjoni "għall-protezzjoni tiegħu", huwa xorta kien qiegħed jagħmel dawk it-talbiet insistenti u persistenti b'reġistrazzjoni video kważi f'wiċċ PS1226. Magħquda ma dan hemm ukoll il-fatt f'dan il-kuntest partikolari imbagħad l-appellant beda jinsisti wkoll ma PS1226 biex dan itih in-numru tiegħu tal-Pulizija tiegħu. Meta tqis li PS1226 huwa Uffiċjal tal-Pulizija, din ukoll tfisser ħafna u tirrifletti wkoll l-attitudni tal-

appellant lejn l-Awtorita tal-Pulizija bħala l-Aġenti tal-Istat mogħtija l-piż taż-żamma tal-ordni fil-pajjiż.

53. Din l-imġieba, għalkemm ma tasalx sal-estrem tat-theddida verbali taqa' fiz-zona griża ta bejn dak li jista' jibda jitqies theddida reali u dak li mhux. Jista' allura, fil-każijiet kongruwi, jitqies bħala l-preludju ta' dak li eventwalment jista' jissarraf f'theddida reali jew xi inġurja.

54. Fil-fatt il-Pulizija jixhdu li l-kwistjoni ma waqfitx hemm mat-tqassim tad-dokument tat-taħrika. Fir-rakkont tagħhom ta' kif kompla jiżvolġi dan l-inċident – u allura fil-parti fejn ma ġiet eżebita ebda reġistrazzjoni video tal-akkadut - huma jgħidu li l-appellant beda jhedded b'diversi modi.

55. L-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

> Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000).

56. Din id-dispożizzjoni ġiet introdotta biex tipproteġi lil Uffiċjali Pubbliċi minn inġurji, theddid jew offiżi li jsiru fil-konfront tiegħu sabiex inaqsulu l-ġieħ u d-dinjita' li tali rwol jimmerita. Fost dawn hemm il-Forzi tal-Ordni fejn u meta dawn ikunu qegħdin joperaw fil-kuntest tal-Legalita' u fejn huma meħtieġa li jiggarantixxu l-aħjar interessi tat-tħaddim tal-ġustizzja.

57. Għalkemm dan ir-reat ilu fil-Kodiċi Kriminali sa minn twelidu, il-mod kif tali reat jista' jitwettaq jevolvi wkoll maż-żmien. Il-mezzi li bihom jista' jiġi mwettaq, kif ukoll il-kuntest soċjali li jinbidel maż-żminijiet, ukoll irid jittieħed in konsiderazzjoni. Illum, iktar minn qatt qabel, dan ir-reat sar rilevanti immens b'mod partikolari f'din is-soċjeta *post-truth* dominata mill-media soċjali inkontrollata li tixxala fuq il-*fake news* jew *deep fake*.

58. Mingħajr ma qegħda tirreferi speċifikament għall-imġieba tal-appellant f'dan il-każ, din il-Qorti tinnota wkoll li maż-żmien, fis-Soċjetajiet Oċċidentali, daħlet mentalita fejn ċerti nies sar għandhom averżjoni lejn kull forma ta' Awtorita, inkluż, jekk mhux b'mod

partikolari, lejn il-Forzi taż-żamma tal-Ordni. Jista' jkun li dan is-sentiment nibet frott ta' fehma ħażina ta' bosta nies li ma għadhomx kapaċi jagħmlu distinzjoni bejn liberta' u libertinaġġ; fejn jaħsbu li fil-ħajja tagħhom jistgħu jagħmlu li jiġihom f'moħħhom f'dak il-mument, kif iridu u fejn iridu; li jaħsbu li jistgħu jagħmlu dak li jftelilhom f'moħħhom f'dak il-ħin, skont xi jkun l-aktar jaqblilhom. Bosta minn dawn in-nies jaħsbu li illum kollox sar dritt jew libertà fundamentali mudellata fuq il-konvenjenza personali ta' dak li jkun. Ma għadx hemm wisq distinzjoni bejn tajjeb u ħażin; fejn dak li l-bieraħ kien meqjus ħażin, illum ġie rijabilitat in kwantu kollox ġie relativizzat.

59. Din il-mentalita hija riflessa f'numru dejjem jikber ta' persuni li jġibu ruħhom daqslikieku għandhom biss jeddijiet - u jkunu pronti, jwerżqu u jsabbtu saqajhom biex jipproteġu dawk id-drittijiet tagħhom; iżda fl-istess waqt donnhom li dawn l-istess nies jinsew li min igawdi minn dawn id-drittijiet u libertajiet irid iħallas ukoll il-prezz tad-dmirijiet li dawn il-libertajiet iġorru magħhom ta' kuljum. Ħadd ma jista' jippretendi li jieħu l-laħma iżda mhux ukoll l-għadma.

60. Dawn il-jeddijiet u l-libertajiet ma humiex assoluti; iżda li għandhom limiti speċifiċi. Mhux kulħadd għadu japprezza li meta jaqbeż dawk il-limiti, l-Istat għandu d-dmir li jintervjeni biex min jaqbeż dawk il-limiti jiġi mrażżan. Ħadd ma jista' jagħmel li jrid, "għax nista'". Is-setgħa tal-eżerċizzju ħieles tal-jeddijiet tiegħi tieqaf il-mument li jintrifes il-jedd tiegħek. Din hija regola bażika ta' ċiviltà li jekk tiddgħajjef u tinkines taħt it-tapit twassal għall-anarkija.

61. U huwa preċiżament ir-rwol tal-Pulizija, bħala Aġent tal-Istat mgħobbi bil-piż taż-żamma tal-ordni u l-ħarsien tad-Dritt, li jaraw li dawk li jkunu qabżu dik il-linja bejn dak li huwa eżerċizzju ta' libertà leġittimu u dak li mhux, jiġu mrażżna u mresqa quddiem il-Ġustizzja fejn ikun il-każ. Il-Forzi taż-żamma tal-Ordni huma l-għassiesa tal-ħarsien tal-jeddijiet u libertajiet ta' kull membru onest fi ħdan il-komunita. Din il-mentalita "moderna" ta' bosta nies li saru jaħsbu li xejn u ħadd ma jista' jżommhom fl-eżerċizzju ta' dak li jiġihom f'moħħhom maħkuma mill-illużjoni li f'ħajjithom għandhom il-liberta li jagħmlu li jridu, twassal lil bosta minn dawn in-nies li jeħduha qatta' bla ħabel kontra dawk li jieqfulhom u jrażnuhom. Ewlenin fost dawk li jieqfulhom u jrażnuhom ikunu l-Forzi taż-żamma tal-Ordni fil-pajjiż, prinċipalment l-Aġenti tal-Pulizija.

62. M'hemmx dubju li anke min huwa mgħobbi b'dan il-piż ta' din l-Awtorita irid ikun suġġett għas-Saltna tad-Dritt u għall-iskrutinju

pubbliku ta' għemilu. Altrimenti faċilment li min ikun mogħni b'tali Awtorità jabbuża minnha. U mhux l-ewwel darba li xi membri fi ħdan il-Forzi taż-żamma tal-Ordni jirrokkaw mal-istess Liġi li huma obbligati li jħarsu u jwetqu. L-abbużi kommessi minn dawn l-Uffiċjali Pubbliċi ma humiex tollerabbli preċiżament għax minflok ikunu l-għassiesa tal-libertajiet u drittijiet tal-bniedem tan-nies onesti li jgħixu fil-komunita, jispiċċaw biex ikunu l-oppressuri tagħhom. Il-poter tal-Pulizija fil-qadi tal-mansjoni tagħhom fiż-żamma tal-ordni fil-pajjiż huwa piż, huwa dover u mhux xi privileġġ.

63. Iżda maż-żmien, xi persuni, jew għax malintenzjonati jew għax svijjati jew għal raġunijiet oħrajn, għażlu li jkomplu jxerrdu din l-interpretazzjoni distorta tal-liberta tal-bniedem, kif ukoll li jikkapitalizzaw fuq dawk l-episodji ta' dawk il-ftit li jkunu abbużaw minn dik l-Awtorita mogħtija lilhom, biex bl-għinuna tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali jonfħu fuq il-ġamar tal-opinjoni pubblika bil-mezz ta' stqarrijiet jew insinwazzjonijiet jekk mhux ukoll fabbrikazzjonijiet jew inġurji varji intiżi li filwaqt li jkasbru lil min ikun qiegħed irażżanhom, idaħħlu fl-opinjoni pubblika d-dubji u l-flieles bil-ħsieb aħħari jkun li jnaqqru, jdgħajfu jekk mhux ukoll ikasbru u jġibu rmied dik is-setgħa tal-Forzi tal-Ordni fil-qadi tal-mansjoni tagħhom li jintervjenu fejn ikun hemm il-ksur tad-Dritt, bit-tir li dan il-vakum jipprovdilhom spazji ta' manovra iżjed ħielsa minn xkiel biex iwettqu dak li jiġihom f'moħħhom li jagħmlu.

64. Dan il-fenomenu narawh kuljum barra minn xtutna, daqskemm fostna, fejn bosta nies – inkluż u b'mod partikolari dawk li jkunu kisru l-Liġi - tarahom jerħulha lejn ċerti sezzjonijiet tal-media soċjali biex bil-mezz tal-video, ritratti, kitba, kummenti jew xort'oħra filwaqt li jippruvaw jgħattu xturhom u r-responsabiltà tagħhom, billi joħolqu "kawża" jew "moviment", ipinġu lilhom infushom bħala xi vitmi tal-Liġi, vitmi tas-soċjeta, jew vitmi ta' oppressjoni settarja jew partikolari, minoranza maħqura eċċetra, u b'din l-għajta jippruvaw jgħattu l-fatt li l-azzjoni fil-konfront tagħhom tkun ittieħdet minħabba li fl-ewwel lok huma stess jkunu kisru l-Liġi tal-pajjiż.

65. Din allura saret parti mill-paradoss perenni li d-Demokraziji Oċċidentali moderni qegħdin jgħaddu minnu kuljum, fejn kull min għandu telefon ċellulari jew kompjuter imqabbad mal-internet sar il-profeta modern, jew kif saru jissejħu, *influencer*, bl-għan aħħari jkun li jinfluwenza l-imħuħ tan-nies bl-ideat tagħhom, anke l-iżjed żvijati jew perversi. B'dan il-mod jippruvaw jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika li ssegwihom biex iġiegħlu lis-soċjeta tinbidel fid-direzzjoni

li jkunu jriduha huma. L-iżvilupp tal-ħsieb fl-azzjoni sar idur fuq kemm jiġġemmgħu *likes* u *followers* għax għal bosta minn dawn in-nies, u min jaħsibha bħalhom, huma dawn il-*likes* jew *followers* li jilleġittimaw l-ideat tagħhom, anke l-iżjed ideat devjati jew żvijati.

66. B'xorti ħażina mhux kull min għandu l-*likes* u l-*followers* ikun qiegħed ixerred ideat li jkunu verament ta' ġid għas-soċjeta li jgħix fiha. Mhux in-numru tal-*likes* u l-*followers* li jagħmlu ħsieb, idea, posizzjoni jew stqarrija oġġettivament tajba għal dik is-soċjeta.. Anzi, bosta drabi dawn l-ideat ikunu riflessjoni ta' konvenjenza individwali u egoistika ta' min ikun qiegħed ixerred dawk l-ideat, irrispettivament jekk dawk l-ideat ikunux fl-interess tal-Ġid Komuni jew le.

67. Huma l-Liġijiet li jkollhom bħala għan aħħari tagħhom il-ħarsien tal-Ġid Komuni u s-Saltna tad-Dritt li s'issa żammew lis-Soċjetajiet Oċċidentali fuq saqajhom. Iżda d-Demokraziji Oċċidentali saru sensittivi immens għal dak li l-eletturi tagħhom ikunu jaħsbu u jħossu; u jekk l-eletturi jkunu vitmi ta' min jimmanipulalhom l-opinjoni tagħhom b'ideat ħżiena, il-konsegwenzi jistgħu ikunu agħar. U huwa għalhekk li l-Leġislatur Oċċidentali għandu responsabilita enormi biex, bis-saħħa tal-Liġijiet li jippromulga jara li l-Liġijiet ikunu oġġettivament ibbażati fuq il-Ġid Komuni tal-Komunita u mhux liġijiet li jkunu intiżi li jindirizzaw ċerti ħsibijiet jew ilmenti ta' individwi jew setturi jew "minoranzi" mingħajr ħsieb serju fuq l-impatt li dawk il-Liġijiet ikollhom fuq il-Ġid Komuni veru u oġġettiv preżenti u futuri ta' dik il-komunita.

68. Jekk id-Demokraziji Oċċidentali wkoll jsiru vittmi tal-pesta tar-regola ta' min iġib l-iżjed *likes* u *followers,* fejn allura l-Liġijiet jibdew isiru in bażi għal min jgħajjat l-iżjed, u allura leħnu jwassal l-iżjed, jew għal min ikollu l-forzi (bosta drabi b'aġendae opaki jew oskuri) tal-media warajha, jew in bażi għal kemm ikun hemm *likes* u *followers* mingħajr ħsieb fil-fond dwar jekk dawk il-ħsibijiet, ideat, posizzjonijiet ideoloġiċi jew stqarrijiet ikunux verament ta' ġid komuni u rispettużi tal-Ġid Komuni preżenti u futuri tal-Komunita li għaliha jkunu msejjħa jilleġiferaw, allura hemmhekk id-Demokraziji Oċċidentali jkunu qegħdin jersqu dejjem iżjed qrib il-kollass tagħhom. Dawk li għandhom ftit għarfien tal-ġrajjiet storiċi jafu ben tajjeb li fejn l-Imperi li warbu l-prinċipji oġġettivi tal-Ġid Komuni u ħallew lilhom infushom jitkaxkru mal-pjaga tal-Individwaliżmu u r-relativiżmu, ikkollassaw, anke jekk kienu għal sekli sħaħ jiddominaw id-dinja magħrufa minnhom għal sekli sħaħ.

69. Dan ir-reat misjub fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali allura jrid illum jiġi moqri wkoll minn din l-ottika u applikat fil-kuntest soċjali taż-żminijiet li fih ikun qiegħed jiġi invokat. F'dan il-kuntest, huwa ferm importanti għall-Forzi taż-żamma tal-Ordni li f'ambjent dejjem iżjed ostili lejhom u lejn it-twettieq tal-operat tagħhom, apparti li jkunu onesti u integri fil-qadi ta' dmirhom, ikunu wkoll f'qagħda li jkollhom evidenza ċara, preferibbilment video-reġistrata fil-każ li fil-qadi tas-servizz tagħhom jiltaqgħu ma xi inċidenti. B'hekk jekk u meta każ jispiċċa quddiem dawn il-Qrati, l-evidenza diretta u reali tkun qegħda hemm biex tkun tista' titressaq bi prova biex min ikun irid jiġġudika l-fatti jkun f'qagħda jagħmel l-aħjar ġudizzju. Din it-tip ta' prova tista' tkun l-aqwa mezz ta' protezzjoni kemm għan-nies pajżana daqskemm għal dawk involuti fis-servizz taż-żamma tal-Ordni.

70. Dan l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali huwa simili għall-articolo 341 tal-Codice Penale Taljan. Il-Corte di Cassazione Taljana interpretat dan l-artikolu bħala strument legali intiż li jiggarantixxi l-aħjar interessi tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja:

> Ora, come piu' volte sostenuto dalla stessa Corte Costituzionale, si preferisce considerare oggetto di tutela l'interesse al buon andamento della pubblica amministrazione, attuato mediante la difesa dell'onore e del prestigio della stessa.[17]

71. L-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-inġurja jew it-theddid. Dawn jistgħu jieħdu kemm il-forma verbali daqskemm dik reali. Jistgħu ikunu bil-fomm jew bil-kitba jew permezz ta' azzjoni, ġesti jew tpinġija li jkunu ġew magħmula bl-iskop li jnaqqsu l-ġieħ u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Is-suġġett passiv tar-reat irid neċessarjament ikun uffiċjal pubbliku.

72. L-inġurja, theddid jew l-offiża jridu jkunu magħmula kontra l-Uffiċjal Pubbliku:

a. (i) filwaqt illi jkun qiegħed jagħmel servizz pubbliku jew (ii) minħabba li jkun għamel dan is-servizz pubbliku; Jew

b. bil-ħsieb li jbeżża' lill-uffiċjal pubbliku jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz.

[17] Art. 341 bis codice penale - Oltraggio a pubblico ufficiale - Brocardi.it

73. Dan ifisser li fl-ewwel xenarju, il-Liġi ma tirrikjedix ness bejn l-inġurja u t-theddida li tkun saret u l-funzjonijiet magħmula mill-uffiċjal pubbliku iżda dak li hu meħtieġ li jiġi ppruvat huwa li (i) is-suġġett passiv tar-reat huwa uffiċjal pubbliku u li (ii) tali inġurji u theddid ġew magħmula fil-konfront tiegħu waqt li kien qiegħed jagħmel servizz pubbliku.

74. Dan jikkuntrasta maż-żewġ xenarji l-oħra fejn neċessarjament trid tiġi ppruvata rabta bejn l-inġurja u t-theddida u dik il-funzjoni pubblika li jkun għadu kemm eżegwixxa jew li jkun sejjer jeżegwixxi l-uffiċjal pubbliku. Din id-distinzjoni ġiet rikonoxxuta wkoll minn diversi awturi u ġiet ukoll hekk abbraċjata mill-ġurisprudenza. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Leonard Sacco** deċiż nhar id-9 ta' Diċembru 2020 intqal:

> L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tiegħu, jgħidu hekk: "Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre." Kuntrarjament fiż-żewġ istanzi l-oħra, irid jigi ppruvat in-ness bejn l-oltraġġ u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

75. Dak li jakkomuna l-ewwel xenarju mat-tieni u t-tielet xenarju kkontemplat mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali huwa li l-inġurja jew it-theddid trid tkun neċessarjament indirizzata lejn il-persuna ta' uffiċjal pubbliku fil-waqt li huwa jkun qiegħed jaġixxi fil-vesti ta' uffiċjal pubbliku. Isegwi għalhekk li jekk persuna normalment impjegata f'funzjoni pubblika tkun irċeviet theddida jew ġiet inġurjata f'sitwazzjoni fejn hija ma tkunx qiegħda waqt servizz pubbliku, dan ir-reat ma jissussistix.

76. In oltre, huwa neċessarju li jiġi ppruvat li s-suġġett attiv tar-reat kien konsapevoli mill-fatt li huwa kien qiegħed jinġurja u/jew jhedded persuna inkarigata mil-Liġi minn servizz pubbliku u dan anki jekk l-uffiċjal pubbliku ma jkunx liebes l-unformi fil-waqt tal-eżekuzzjoni tal-funzjoni pubblika. F'dan ir-rigward, il-Professur Mamo jgħid hekk:

> This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person.

77. L-istess ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg** tat-2 ta' Novembru 1917:

> Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato.

78. Mill-filmat prodott jirriżulta ċar li l-Pulizija kienu bl-uniformi u li kienu qegħdin fil-waqt li jaqsu s-servizz pubbliku devolut lilhom. Ma hemmx dubju għalhekk li l-appellant kien jaf li dawn kienu Aġenti tal-Pulizija u li kienu fil-qadi ta' dmirijiethom. Mill-affidavit ta' PS1226 jirriżulta li wara li l-Pulizija waqqfuh u infurmawh li kienu sejrin iħarrkuh, l-appellant qallhom dan id-diskors:

> Inthom tibżaw u toqgħodu tistaħbew wara l-maskla u tagħmlu l-għarja bil-qorti, jekk tridu nagħmluha l-għarja, l-għarja nagħmluha hawnhekk u kompla jgħid 'Issa nitkelmu mod ieħor.
>
> ..../....
>
> Joseph Aquilina qal ''issa nagħmel telefonata lil minn għandi nagħmilha w taraw.
>
> .../....
>
> Issa nċempel Assistent Kummissarju w jkellimkhom huwa u kif ukoll kompla jgħid 'Ja indannati, xiż-żob qiegħed tagħmlu'.

79. Dan id-diskors huwa mżewwaq bi stqarrijiet vagi u oħrajn ċari. Filwaqt li l-intimazzjoni li jieħu azzjoni leġittima jew legali ma tistax titqies li hija theddida, mill-banda l-oħra espressjonijiet bħal "l-għarja nagħmluha hawnhekk", "issa nagħmel telefonata lil min għandhi nagħmilha w taraw", "Ja indannati, xiż-żobb qiegħed tagħmlu", huma espressjonijiet li jinkwadraw ruħhom perfettament f'dak il-komportament sanzjonat taħt l-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali.

80. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant fir-rigward ta' din il-ħames imputazzjoni.

## Ikkunsidrat

81. Illi għal dak li jirrigwarda s-sitt imputazzjoni, din hija bbażata fuq l-Artikolu 249(1) tal-Kodiċi Kriminali li taqra bil-mod segwenti:

> (1) Kull min bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tiegħu nnifsu jew b'isem maħluq, jhedded lil ħaddieħor b'xi delitt, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tnax-il xahar jew multa ta' mhux iżjed minn ħames t'elef euro (€5,000), jew dik il-priġunerija u multa flimkien:

82. Din il-Qorti ma jirriżultalhiex li l-appellant hedded lil PS1226 jew PC1170 bil-kitba. Dan hekk kif l-atti proċesswali huma nieqsa minn prova li l-appellant wasal sabiex iniżżel f'kitba t-theddid li għamel lill-Uffiċjali tal-Pulizija dakinhar tas-27 ta' Settembru 2020.

83. Din il-Qorti għalhekk ma tistax taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati fejn din sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tas-sitt imputazzjoni.

## Kunsiderazzjonijiet b'rabta mal-piena.

84. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear

heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."

Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

85. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal- aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l- appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

86. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil- prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati. U dan mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn

dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-**sentenza Ir-Repubbblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

87. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

88. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, jingħad li l-multa imposta ta' tmin mitt euro (€800) hija multa fil-minimu tal-parametri preskritti mil-Liġi għal dak li jirrigwarda l-multa skont l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali. Iżda dan l-piena imsemmija f'dan l-artikolu ma tinkludix biss il-multa, iżda wkoll il-piena li l-Kodiċi Kriminali jippreskrivi għall-inġurja, theddid u jew offiża. Il-Qorti tal-Maġistrati però ma imponietx ukoll din il-piena kif kienet obbligata li tagħmel. Iżda l-Avukat Ġenerali ma appellatx minn din il-parti tas-sentenza u b'hekk din il-Qorti ma tistax issa tibdel il-piena *in peius* sabiex din tiġi tirrifletti l-piena skont il-Liġi. Minħabba f'hekk l-appellant ġie mogħti piena anqas minn dak li kellu jeħel skont il-Liġi u din il-Qorti ma tista' tagħmel xejn dwarha.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi**

**i) Tikkonferma s-sentenza appellata għal dak li jirrigwarda s-sejbien ta' ħtija fil-ħames imputazzjoni;**
**ii) Tħassarha f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati wkoll tas-sitt imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija, piena u konsegwenza; u**
**iii) Tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**